## Kif ma tiġix mgħoddija l-Epatite Ċ minn persuna għal oħra:

L-Epatite Ċ tiġi trażmessa biss permezz ta' demm infettat. Hija ma tgħaddix minn persuna għal oħra permezz tal-bews, it-tgħanniq, meta persuna tieħu b'idejn persuna oħra, meta persuna tiekol mill-istess platt jew tixrob mill-istess tazza.

## L-Epatite tista' tiġi kkurata?

**Iva! Aktar minn 90%** tal-każijiet tal-Epatite jistgħu jingħataw trattament u jiġu kkurati. Trattamenti ġodda li jinstabu Malta u huma anke offruti mill-Gvern Malti, jikkaġunaw ftit li xejn effetti sekondarji. L-informazzjoni kollha rigward it-trattament tista' tiġi diskussa mat-tabib tiegħek.

## Kif tista' tiġi evitata l-Epatite Ċ?

**MA JEŻISTI EBDA VAĊĊIN SABIEX TIĠI EVITATA L-EPATITE Ċ**, iżda dejjem hemm modi kif tista' tnaqqas ir-riskju li tiġi infettat(a).

- Evita li tuża jew issellef xfafar tal-leħja, xkupilji tas-snien jew oġġetti personali ta' oħrajn li jinvolvu kuntatt ma' demm infettat
- Tużax l-istess labar, mgħaref jew prattiċi ta' ġbid tad-droga mill-imnieħer ma' persuni oħrajn għall-użu tad-droga
- Mur fi stabbilimenti li jipprovdu servizzi ta' tatwaġġ, akupuntura jew titqib tal-imsielet illi għandhom il-liċenzji neċessarji.
- Dejjem uża l-kontraċettivi (kondoms) għall-atti sesswali


**RIŻORSI UŻATI:**
https://www.cdc.gov/knowmorehepatitis/media/pdfs/FactSheet-Boomers.pdf
https://www.cdc.gov/hepatitis/resources/professionals/pdfs/CounselingandTestingPC.pdf
https://www.who.int/news-room/fact-sheets/detail/hepatitis-c




## Appoġġ u Kuntatti

- It-Tabib Tiegħek (Tabib tal-Familja)
- Il-Klinika ĠenitoUrinarja (GU) **T:** 2122 7981
- Id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard **T:** 2326 6000
- Il-Helpline tad-Detox **T:** 2226 1800
- www.sexualhealth.gov.mt

# L-EPATITE Ċ
# SKEDA INFORMATTIVA


Health Promotion & Disease Prevention Directorate
Tel: 2326 6000, www.healthpromotion.gov.mt

OFFICE OF THE DEPUTY PRIME MINISTER
MINISTRY FOR HEALTH

## X'inhi Epatite?

Epatite tfisser infjammazzjoni tal-fwied. Jeżistu tipi differenti ta' Epatite, iżda dan il-fuljett ser jiffoka biss fuq l-Epatite Ċ.

### X'inhi Epatite Ċ?

Epatite Ċ hija **marda tal-fwied** ikkawżata mill-virus tal-Epatite Ċ.

Hija tista' tkun akuta jew kronika.

Il-persuni li jkunu ilhom infettati **inqas minn 6 xhur**, ikunu qegħdin ibatu minn **Epatite Ċ** akuta. Ġeneralment, huma ma juru l-ebda sinjal jew sintomu.

Madwar **20%** tal-persuni nfettati **jeħilsu mill-virus** fi żmien **6 xhur** u ma jkollhomx konsegwenzi fit-tul.

It- **80%** li jifdal tal-persuni infettati jiżviluppaw **Epatite Ċ kronika**.

Dawn il-persuni infettati **jġorru l-virus** għall-bqija ta' ħajjithom u **jibqgħu infettivi** u **f'riskju għall-oħrajn** jekk ma jieħdux il-kura.

Persuna tista' **terga tiġi infettata** anke jekk il-vajrus gie ttrattat, ikkurat u eliminat.



## X'inhuma s-sintomi tal-Epatite Ċ?




### Meta jibdew jidhru s-sintomi?

Il-biċċa l-kbira tal-każijiet ma jkollhomx sintomi. Is-sintomi jibdew jidhru fi kwalunkwe ħin bejn ġimgħatejn u 6 xhur wara l-infezzjoni. Madankollu, is-sintomi jistgħu jiżviluppaw ħafna snin wara bil-possibbiltà li l-ħsara fil-fwied tkun diġà fi stadju avvanzat.

### Jeżistu tipi differenti ta' Epatite Ċ?

Iva, hemm 4 tipi ta' virus tal-Epatite Ċ magħrufa bħala ġenotipi. It-tabib tiegħek jiggwidak u jgħidlek b'liema virus inti infettat(a) wara li jsirlek test tad-demm.

## L-Epatite kif tiġi mgħoddija minn persuna għal oħra?

**Il-virus tal-epatite Ċ jiġi mgħoddi minn persuna għal oħra prinċipalment permezz ta' demm li jkun infettat.**

***L-ATTIVITAJIET TA' RISKJU GĦOLI JINKLUDU:***

- **Użu tal-istess oġġetti** (siringi, imgħaref għat-tisħin tad-droga u tagħmir għall-ġbid tad-droga mill-imnieħer) relatati mal-abbuż tad-droga bejn persuni nfettati. Dan huwa l-aktar mod komuni kif in-nies jiġu infettati.
- **L-użu ta' tagħmir mhux sterilizzat** għat-tatwaġġ, għall-akupuntura jew għat-titqib tal-imsielet (huwa importanti li għal dawn is-servizzi tmur fi stabbilimenti li huma rreġistrati mill-Awtorità tas-Saħħa Pubblika)



***L-ATTIVITAJIET TA' RISKJU TA' LIVELL BAXX SA MEDJU JINKLUDU:***

- **Użu ta' l-istess jew in-nuqqas ta' rimi ta' provvisti li jintużaw għall-iġjene personali** bħal xfafar tal-leħja u xkupilji tas-snien ta' persuni infettati
- Meta persuna tiġi esposta għal demm waqt **sess mingħajr protezzjoni** ma' persuna infettata. It-trażmissjoni sesswali hija mod xejn komuni ta' kif persuna tiġi infettata bl-Epatite Ċ. Madankollu, hemm riċerka li turi li rġiel li jkollhom x'jaqsmu sesswalment ma' rġiel oħrajn (MSM), li jkunu ttestjaw pożittiv għall-HIV u li jkollhom aktar minn sieħeb sesswali wieħed, għandhom riskju akbar li jiġu infettati bl-Epatite Ċ.
- **Meta persuna twelled bil-labar** f'ambjenti tal-kura tas-saħħa
- **Miżuri mhux ta' livell li jipprevenu t-tixrid ta' mard infettiv** bħal tagħmir ikkontaminat u sterilizzat b'mod inadekwat li jiġi użat fi proċeduri mediċi u dentali
- Minn omm infettata lit-tarbija tagħha waqt **it-twelid. Dan il-mod huwa rari ħafna.**